C/2025/350

20.1.2025

AVVIŻ TAL-KUMMISSJONI

Linji gwida dwar l-għeluq ta' programmi operazzjonali adottati għall-assistenza mill-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (2014-2020)

(C/2025/350)

Il-programmi operazzjonali fil-qafas tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn għall-perjodu ta' programmazzjoni mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2020, inklużi dawk li jibbenefikaw minn Assistenza fl-Irkupru għall-Koeżjoni u għat-Territorji tal-Ewropa (REACT-EU), iridu jingħalqu fil-ħin u b'mod effiċjenti. Dan jirrikjedi gwida dwar kif għandhom jingħalqu dawk il-programmi f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] u mal-atti legali ta' applikazzjoni ġenerali adottati fuq dik il-bażi.

Il-linji gwida jqisu l-kriżi bla preċedent tal-COVID-19 fl-2020 u fl-2021 u l-impatt tagħha fuq l-implimentazzjoni tal-programm.

Il-linji gwida għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri bil-proċess tal-għeluq billi jispjegaw kif jaħdem. Dawn ikopru s-saldu finanzjarju tal-impenji baġitarji pendenti tal-UE billi jħallsu lill-Istat Membru kwalunkwe bilanċ finali fil-kuntest tal-programm; jiddiżimpenjaw jew jirkupraw is-somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni Ewropea lill-Istat Membru; u/jew jiddiżimpenjaw kwalunkwe bilanċ finali.

Is-sistema ta' eżami annwali u ta' aċċettazzjoni tal-kontijiet, issimplifikat il-proċedura ta' għeluq b'mod sinifikanti. B'riżultat ta' dan, l-għeluq tal-programm jenħtieġ li jkun ibbażat biss fuq dokumenti relatati mas-sena kontabilistika finali u r-rapport ta' implimentazzjoni annwali finali jew l-aktar riċenti.

ĊAĦDA TA' RESPONSABILITÀ:

"Dan huwa dokument ta' ħidma mħejji mill-Kummissjoni. Abbażi tal-liġi applikabbli tal-UE, dan jipprovdi gwida teknika għall-kollegi u għall-korpi involuti fl-għeluq tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn. Din il-gwida hija mingħajr preġudizzju għall-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali.

Werrej

Paġna

1. PRINĊIPJI ĠENERALI 3
2. POSSIBBILTÀ TA' GĦELUQ BIKRI 3
3. SKADENZA GĦALL-EMENDAR TAL-PROGRAMMI 3
4. ĠESTJONI FINANZJARJA 3
   - 4.1. Diżimpenn 3
   - 4.2. Approvazzjoni tal-prefinanzjament 4
   - 4.3. Kalkolu tal-bilanċ finali 4
   - 4.4. Overbooking 4
5. RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FL-GĦELUQ 5
6. IRREGOLARITAJIET 6
   - 6.1. Trattament tal-irregolaritajiet fis-sena kontabilistika finali 6
   - 6.2. Ammonti li għandhom jiġu rkuprati u ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati 6

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwaril-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

6.3. Riskju ta' irregolaritajiet li jwasslu biex l-awtoritajiet tal-programm iwettqu kontrolli addizzjonali fuq in-nefqa diġà ddikjarata lill-Kummissjoni 7
7. PREŻENTAZZJONI TAD-DOKUMENTI TAL-GĦELUQ 7
7.1. Skadenza għall-preżentazzjoni tad-dokumenti tal-għeluq 7
7.2. Modifika tad-dokumenti tal-għeluq wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tagħhom 7
7.3. Disponibbiltà tad-dokumenti 8
8. KONTENUT TAD-DOKUMENTI TAL-GĦELUQ 8
8.1. Rapport ta' implimentazzjoni finali 8
8.2. Kontijiet 8
8.3. Dikjarazzjoni ta' ġestjoni u sommarju annwali 8
8.4. Opinjoni tal-awditjar u rapport ta' kontroll 8
9. ĦLAS TAL-BILANĊ FINALI 9
10. KWISTJONIJIET TA' LEGALITÀ U REGOLARITÀ 9

1. **PRINĊIPJI ĠENERALI**

Dawn il-linji gwida japplikaw għall-għeluq ta' programmi fil-qafas tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (FEAD) f'konformità mar-Regolament FEAD għall-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020 ([2]).

L-għeluq tal-programm jinkludi s-saldu finanzjarju tal-impenji baġitarji pendenti tal-UE permezz tal-ħlas ta' kwalunkwe bilanċ finali lill-Istat Membru ([3]) fir-rigward ta' programm u/jew diżimpenn jew irkupru tas-somom imħallsa indebitament mill-Kummissjoni lill-Istat Membru. L-għeluq tal-programmi huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi korrezzjonijiet finanzjarji.

2. **POSSIBBILTÀ TA' GĦELUQ BIKRI**

L-Istati Membri jistgħu jitolbu għeluq bikri ta' programm sakemm ikunu wettqu l-attivitajiet kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-programm. Għal dan il-għan, sena kontabilistika aktar bikrija minn dik li tibda mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2024 jenħtieġ li titqies bħala s-sena kontabilistika finali tal-programm. Jekk il-Kummissjoni taċċetta talba bħal din, l-Istat Membru jrid jippreżenta d-dokumenti tal-għeluq stabbiliti fl-Artikolu 52 tar-Regolament FEAD (id-"dokumenti tal-għeluq") sal-15 ta' Frar tas-sena ta' wara s-sena kontabilistika kkunsidrata. L-għeluq bikri jenħtieġ li jsegwi r-regoli kollha stabbiliti għall-għeluq.

Għall-programmi ta' assistenza alimentari u/jew materjali bażika (jiġifieri programmi operazzjonali tat-tip I), l-istħarriġ strutturat finali għandu jitwettaq fl-2022. Madankollu, jekk l-Istat Membru jkun implimenta l-azzjonijiet kollha tal-programm qabel l-2022, dan ma għandux għalfejn iwettaq l-istħarriġ strutturat fl-2022. F'dan il-każ, il-kummissjoni tirrakkomanda li jsir l-istħarriġ fl-aħħar sena li fiha jitqassam l-ikel u/jew li fiha tingħata l-assistenza materjali bażika.

3. **SKADENZA GĦALL-EMENDAR TAL-PROGRAMMI**

Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-programmi u t-tħejjija f'waqtha tal-għeluq, l-Istati Membri jenħtieġ li jippreżentaw talbiet għal emendi tal-programmi ([4]), inkluża emenda tal-pjan ta' finanzjament, sa Settembru 2023. Dan se jippermetti li d-deċiżjonijiet jiġu adottati qabel id-data finali tal-eliġibbiltà, il-31 ta' Diċembru 2023. L-unika eċċezzjoni hija l-preżentazzjoni ta' pjan finanzjarju rivedut li jirrifletti, għas-sena finanzjarja 2020, ammont imnaqqas ta' finanzjament wara l-applikazzjoni tar-regola ta' diżimpenn awtomatiku stabbilita fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament FEAD. F'dan il-każ, it-talba għal emenda tal-programm trid tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sat-30 ta' Ġunju 2024 ([5]).

L-Istati Membri jenħtieġ li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe deċiżjoni biex jimmodifikaw l-elementi msemmija fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament FEAD ([6]) qabel id-data finali tal-eliġibbiltà, jiġifieri l-31 ta' Diċembru 2023.

4. **ĠESTJONI FINANZJARJA**

4.1. **Diżimpenn**

Ir-regola ta' diżimpenn awtomatiku stabbilita fl-Artikolu 59(1) tar-Regolament FEAD tapplika għall-impenji baġitarji kollha, inklużi dawk relatati mal-aħħar sena tal-perjodu ta' programmazzjoni (2020).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 72, 12.3.2014, p. 1).

([3]) Skont l-Artikolu 138(1) tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU C 384I, 12.11.2019, p. 1–177, fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni impenjati skont il-QFP 2014-2020 jew il-perspettivi finanzjarji preċedenti, id-dritt applikabbli tal-Unjoni, inklużi r-regoli dwar il-korrezzjonijiet finanzjarji u dwar l-approvazzjoni tal-kontijiet, se jkompli japplika għar-Renju Unit wara l-31 ta' Diċembru 2020 sal-għeluq ta' dawk il-programmi u l-attivitajiet tal-Unjoni, sakemm ma jkunux ġew adottati miżuri tekniċi mill-Kumitat Konġunt f'konformità mal-Artikolu 138(5) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ. Madankollu, jenħtieġ li jiġi nnotat li d-dispożizzjonijiet ta' dawn il-linji gwida relatati mar-riżorsi ta' REACT-EU ma japplikawx għar-Renju Unit, skont il-ħames subparagrafu tal-Artikolu 154 tas-CPR, kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/2221 tat-23 ta' Diċembru 2020.

([4]) L-Artikolu 9 tar-Regolament FEAD.

([5]) L-Artikolu 61(4) tar-Regolament FEAD.

([6]) Kif emendat mir-Regolament (UE) 2020/559 tat-23 ta' April 2020.

L-impenji li jkunu għadhom miftuħin sal-15 ta' Frar 2026, jew sal-1 ta' Marzu 2026 jekk il-Kummissjoni testendi l-iskadenza ([7]), se jiġu diżimpenjati jekk kwalunkwe wieħed mid-dokumenti tal-għeluq ma jkunx ġie ppreżentat lill-Kummissjoni sa dak iż-żmien.

Skont l-Artikolu 6a(1) tar-Regolament FEAD ([8]), l-aħħar sena tal-perjodu ta' programmazzjoni għall-programmi tal-FEAD li għalihom l-Istati Membri jistgħu jallokaw riżorsi addizzjonali REACT-EU hija l-2021 jew, fejn applikabbli, l-2022. F'konformità mal-Artikolu 6a(3) tal-istess Regolament, impenji mhux użati relatati ma' riżorsi addizzjonali se jiġu diżimpenjati matul l-għeluq.

4.2. **Approvazzjoni tal-prefinanzjament**

Il-Kummissjoni se tiċċara l-prefinanzjament imħallas lill-Istati Membri mhux aktar tard minn meta jingħalaq il-programm ([9]). Dan japplika wkoll għal prefinanzjament addizzjonali mħallas mir-riżorsi ta' REACT-EU ([10]).

L-ammonti mħallsa bħala prefinanzjament iridu jiġu ġġustifikati min-nefqa eliġibbli ddikjarata mhux aktar tard mill-għeluq tal-programm. Madankollu, l-approvazzjoni tal-prefinanzjament tista' tibda hekk kif il-programm ikun irċieva l-kontribuzzjoni massima tal-FEAD stabbilita fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm. F'dan il-każ, il-Kummissjoni se tuża n-nefqa eliġibbli inkluża fit-talba għall-ħlas biex tapprova l-prefinanzjament. L-approvazzjoni tiġi ffinalizzata biss wara l-aċċettazzjoni tal-kontijiet.

4.3. **Kalkolu tal-bilanċ finali**

Għas-sena kontabilistika finali, bħal fi kwalunkwe sena kontabilistika oħra, il-Kummissjoni se trodd lura 90 % tal-ammont mitlub minn Stat Membru bħala applikazzjoni għal pagament *interim*, billi tapplika r-rata ta' kofinanzjament għan-nefqa pubblika eliġibbli inkluża fl-applikazzjonijiet għal ħlas, sakemm ikun hemm impenji disponibbli fil-programm. L-impatt ta' REACT-EU fir-rata ta' kofinanzjament se jitqies fil-mument tal-kalkolu tal-għeluq.

Il-Kummissjoni se tiddetermina l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond għas-sena kontabilistika finali kif deskritt fl-Artikolu 50 tar-Regolament FEAD. L-Artikolu 50(6) tar-Regolament FEAD jiddikjara li l-Kummissjoni tikkalkula l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond għas-sena kontabilistika abbażi tal-kontijiet aċċettati, filwaqt li tqis kemm l-ammonti fil-kontijiet kif ukoll il-pagamenti totali magħmula mill-Kummissjoni matul is-sena kontabilistika.

Ladarba l-Kummissjoni tkun ikkalkulat l-ammont li għandu jitħallas mill-Fond, din se tiċċara l-bilanċ ta' prefinanzjament li jifdal.

F'konformità mal-Artikolu 40(2) tar-Regolament FEAD, l-ammont tal-bilanċ finali mħallas mill-Fond ma jridx jaqbeż l-ammont massimu possibbli ta' kontribuzzjoni mill-Fond, kif stabbilit fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm operazzjonali.

L-ammont li jirriżulta li għandu jitħallas/jiġi rkuprat ikkalkulat f'konformità mar-regoli spjegati hawn fuq se jikkostitwixxi l-bilanċ finali għall-programm.

4.4. **Overbooking**

L-overbooking huwa l-prattika tal-Istati Membri li jiddikjaraw lill-Kummissjoni nefqa eliġibbli li taqbeż il-kontribuzzjoni massima tal-Fond stabbilita fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-programm.

Peress li l-applikazzjonijiet għall-pagament huma kumulattivi biss f'sena kontabilistika partikolari, jekk programm jilħaq il-kontribuzzjoni massima tal-Fond stabbilita fid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprovah qabel is-sena kontabilistika finali, in-nefqa ddikjarata lill-Kummissjoni li taqbeż din il-kontribuzzjoni massima tal-Fond mhux se tiġi ttrasferita għas-sena kontabilistika li jmiss.

Għalhekk, l-awtoritajiet ta' ċertifikazzjoni jistgħu jiddeċiedu li l-ammonti mdaħħla fis-sistema kontabilistika tagħhom f'sena kontabilistika jiġu ddikjarati lill-Kummissjoni f'sena kontabilistika sussegwenti jew tabilħaqq fis-sena kontabilistika finali.

([7]) L-Artikolu 59(2) tar-Regolament FEAD, kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/795 tad-29 ta' Frar 2024.
([8]) Kif emendat mir-Regolament (UE) 2021/177 tal-10 ta' Frar 2021.
([9]) L-Artikolu 44(4) tar-Regolament FEAD.
([10]) L-Artikolu 6a(4) tar-Regolament FEAD, kif emendat bir-Regolament (UE) 2021/177 tal-10 ta' Frar 2021.

B'kont meħud ta' dan ta' hawn fuq, u jekk l-Istati Membri jkunu jixtiequ li jkollhom nefqa bbukkjata b'mod eċċessiv disponibbli fis-sena kontabilistika finali, huma jistgħu jżommu lura milli jiddikjaraw lill-Kummissjoni nefqa bbukkjata b'mod eċċessiv fi kwalunkwe sena kontabilistika qabel is-sena kontabilistika finali u jużaw din in-nefqa biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tal-programm. L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw li jiddikjaraw nefqa bbukkjata b'mod eċċessiv fis-sena kontabilistika finali, sakemm ma jkollhomx għalfejn jiddikjaraw dan f'sena kontabilistika preċedenti biex jissostitwixxu l-ammonti irregolari identifikati (fil-limitu tal-kontribuzzjoni tal-Fond).

Jekk in-nefqa bbukkjata b'mod eċċessiv ma tkunx meħtieġa qabel is-sena kontabilistika finali, l-Istati Membri jenħtieġ li jiddikjaraw dan lill-Kummissjoni biss fis-sena kontabilistika finali, inkluż in-nefqa mġarrba u mħallsa matul is-snin kontabilistiċi preċedenti ([11]). In-nefqa bbukkjata b'mod eċċessiv iddikjarata lill-Kummissjoni fis-sena kontabilistika finali se titqies fl-għeluq u wara l-għeluq biex jiġu sostitwiti l-ammonti irregolari (iddikjarati fi kwalunkwe sena kontabilistika, inkluża s-sena kontabilistika finali) li jiġu identifikati aktar tard. Minħajr preġudizzju għall-Artikolu 56(7) tar-Regolament FEAD, l-Istati Membri jistgħu jkunu kapaċi jissostitwixxu l-ammonti irregolari identifikati wara l-preżentazzjoni tal-kontijiet tas-sena kontabilistika finali/wara l-għeluq bl-użu ta' nefqa bbukkjata b'mod eċċessiv.

5. **RAPPORTAR DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI FL-GĦELUQ**

Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 ([12]), ir-rapport ta' implimentazzjoni finali maħruġ fl-għeluq irid jinkludi l-punti li ġejjin:

— informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm, b'referenza għall-indikaturi komuni użati għal operazzjoni parzjalment jew kompletament kompluta;

— informazzjoni dwar u valutazzjoni tal-azzjonijiet li jqisu l-prinċipji stabbiliti fl-Artikoli 5(6), 5(11) u, fejn xieraq, l-Artikolu 5(13) tar-Regolament FEAD.

Ir-Regolament (UE) 2024/795 ([13]) (ir-Regolament li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa — "ir-Regolament STEP"), li emenda r-Regolament FEAD bil-ħsieb li jipprovdi aktar flessibbiltà dwar l-għeluq tal-programmi appoġġati mill-FEAD, jestendi l-perjodu ta' eliġibbiltà tal-kostijiet rimborżati skont il-punti (b) sa (e) tal-Artikolu 26(2) tar-Regolament FEAD — il-kostijiet korrispondenti huma eliġibbli dment li l-azzjonijiet korrispondenti li jikkostitwixxu l-bażi għall-pagament (jiġifieri d-distribuzzjoni tal-ikel/assistenza materjali bażika jew l-għoti ta' miżuri ta' akkumpanjament) iseħħu sal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena kontabilistika finali (jiġifieri sa mhux aktar tard mill-31 ta' Lulju 2025). Għalhekk, id-data fir-rapport ta' implimentazzjoni finali trid tirreferi għal dak li tqassam mill-operazzjonijiet appoġġati taħt il-programm sad-data tal-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena kontabilistika finali. Kwalunkwe ikel jew assistenza materjali bażika mixtrija iżda mhux distribwiti qabel il-preżentazzjoni tal-applikazzjoni finali għal pagament *interim* għas-sena kontabilistika finali jenħtieġ li ma jiġux inklużi fir-rapport ta' implimentazzjoni finali.

Barra minn hekk, l-Istati Membri li fihom jiġu implimentati l-inklużjoni soċjali tal-programmi operazzjonali tal-persuni l-aktar fil-bżonn (Programm Operazzjonali tat-tip II) jenħtieġ li jipprovdu:

— data dwar indikaturi speċifiċi għall-programm u valuri fil-mira kkwantifikati,

— informazzjoni dwar il-bidliet fl-indikaturi tar-riżultati,

— informazzjoni dwar u valutazzjoni tal-progress lejn l-ilħuq tal-objettivi speċifiċi tal-programm.

([11]) L-Istati Membri jistgħu jitolbu għeluq bikri jekk ikunu wettqu l-attivitajiet kollha relatati mal-implimentazzjoni tal-programm. F'każijiet bħal dawn, sena kontabilistika preċedenti (qabel l-1 ta' Lulju 2023 – it-30 ta' Ġunju 2024) se titqies bħala s-sena kontabilistika finali tal-programm.

([12]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni (ĠU L 337, 25.11.2014, p. 46).

([13]) Ir-Regolament (UE) 2024/795 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Frar 2024 li jistabbilixxi l-Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa (STEP), u li jemenda d-Direttiva 2003/87/KE u r-Regolamenti (UE) 2021/1058, (UE) 2021/1056, (UE) 2021/1057, (UE) 1303/2013, (UE) 223/2014, (UE) 2021/1060, (UE) 2021/523, (UE) 2021/695, (UE) 2021/697 u (UE) 2021/241 (ĠU L, 2024/795, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/795/oj).

6. **IRREGOLARITAJIET**

Il-kontijiet għal kwalunkwe sena kontabilistika, inkluż is-sena finali, iridu jinkludu:

— l-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika;

— l-ammonti li jridu jiġu rkuprati fi tmiem is-sena kontabilistika; u

— l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati ([14]).

Il-format għar-rapportar tal-irtirar u tal-irkupri, l-ammonti li jridu jiġu rkuprati u l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati huwa stabbilit fil-mudell fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/341 ([15]) (l-Appendiċijiet 2, 3, u 4, rispettivament).

L-Istati Membri jridu jindikaw il-qasma tal-ammonti rtirati u rkuprati matul is-sena kontabilistika u l-irkupri pendenti fi tmiem is-sena kontabilistika skont is-sena kontabilistika tad-dikjarazzjoni tan-nefqa korrispondenti.

6.1. **Trattament tal-irregolaritajiet fis-sena kontabilistika finali**

Minħabba li wara l-applikazzjoni finali għal pagament *interim*, li trid tiġi ppreżentata sal-31 ta' Lulju 2025, ma tista' tiġi ppreżentata l-ebda applikazzjoni għall-ħlas sussegwenti lill-Kummissjoni, kwalunkwe tnaqqis meħtieġ (minkejja l-fatt li jista' jirreferi għan-nefqa ddikjarata fis-snin kontabilistiċi preċedenti) irid jitwettaq fil-kontijiet tas-sena kontabilistika finali, u jrid jiġi rrapportat fl-Appendiċi 5 tal-mudell għall-kontijiet.

Skont l-Artikolu 49(2) tar-Regolament FEAD, Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeskludi n-nefqa mill-kontijiet tas-sena kontabilistika finali minħabba valutazzjoni li għadha għaddejja tal-legalità u tar-regolarità ta' dik in-nefqa. Jekk tali nefqa sussegwentement tinstab li hija legali u regolari, din ma tistax tiġi ddikjarata mill-ġdid minħabba li ma jkun hemm l-ebda talba sussegwenti għal pagament *interim* fejn tista' tiġi inkluża.

6.2. **Ammonti li għandhom jiġu rkuprati u ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati**

Fil-kontijiet tas-sena kontabilistika finali, l-Istati Membri jistgħu jirrapportaw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati u l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati relatati man-nefqa ddikjarata mhux biss fis-snin kontabilistiċi preċedenti, iżda wkoll fis-sena kontabilistika finali ([16]). Huma jistgħu jirrapportaw ukoll fil-kontijiet tas-sena kontabilistika finali, ammonti li jkunu saru ammonti li għandhom jiġu rkuprati jew ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati wara t-tmiem tas-sena kontabilistika finali iżda qabel il-preżentazzjoni tad-dokumenti tal-għeluq ([17]).

Il-Kummissjoni se teskludi l-ammonti rrapportati bħala li jridu jiġu rkuprati u li ma jistgħux jiġu rkuprati mill-kalkolu tal-bilanċ finali ([18]).

Il-Kummissjoni se tiddeċiedi jekk għandhiex tirrimborża l-ammonti rrapportati mill-baġit tal-UE, abbażi tal-eżitu tal-proċess ta' rkupru u/jew tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati, imwettqa f'konformità mal-proċedura stabbilita fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1986 ([19]). L-ammonti rrapportati fl-Appendiċijiet 3 u 4 tal-kontijiet u relatati man-nefqa ddikjarata fis-sena kontabilistika finali jenħtieġ li jiġu inklużi fil-kolonna A tal-Appendiċi 1 tal-kontijiet sabiex ikun jista' jsir ir-rimborż futur possibbli tagħhom mill-baġit tal-UE, sakemm joħroġ ir-riżultat ta' proċeduri jew ta' valutazzjonijiet relatati.

L-Istat Membru jenħtieġ li jinforma lill-Kummissjoni dwar l-eżitu tal-proċess ta' rkupru pendenti malajr kemm jista' jkun.

([14]) L-Artikolu 49(1)(b) tar-Regolament FEAD.

([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/341 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għall-preżentazzjoni ta' ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 1).

([16]) Sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħmlu użu mill-possibbiltà li jiddikjaraw l-ammonti li għandhom jiġu rkuprati bħala li ma jistgħux jiġu rkuprati fl-għeluq jew wara l-għeluq għall-ammonti li jridu jiġu rkuprati relatati mas-sena kontabilistika finali tal-perjodu ta' programmazzjoni.

([17]) Pakkett ta' assigurazzjoni għas-sena kontabilistika finali.

([18]) Dan se jirriżulta f'ammont iżgħar li jrid jitħallas jew jiġi kklerjat f'każijiet ta' bilanċ finali pożittiv jew ammont ogħla li jrid jiġi rkuprat f'każijiet li għalihom il-bilanċ finali huwa rkupru.

([19]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1986 tat-30 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex jiġi ddeterminat jekk l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati għandhomx jiġu rrimborżati mill-Istati Membri kkonċernati fir-rigward tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 306, 15.11.2016, p. 1).

Jekk Stat Membru jikkonkludi li l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati jenħtieġ li jiġu imposti fuq il-baġit tal-UE, jenħtieġ li jippreżenta talba lill-Kummissjoni biex tikkonferma tali konklużjoni bl-użu tal-formola fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1986 ([20]). Il-Kummissjoni se tiddetermina jekk l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati jenħtiġux li jiġu ddebitati lill-baġit tal-UE f'konformità mar-regoli stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat. Dan jikkonċerna l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati inklużi fl-Appendiċi 4 ("ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati") tal-kontijiet tal-programm stabbiliti fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/341 kif ukoll l-ammonti inklużi fl-Appendiċi 3 ("ammonti li għandhom jiġu rkuprati") mill-istess Anness bħall-ammonti li għandhom jiġu rkuprati u li jistgħu jsiru ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati wara li jkunu ġew ippreżentati l-kontijiet għas-sena kontabilistika finali.

6.3. **Riskju ta' irregolaritajiet li jwasslu biex l-awtoritajiet tal-programm iwettqu kontrolli addizzjonali fuq in-nefqa diġà ddikjarata lill-Kummissjoni**

Jekk jiġi identifikat riskju ta' irregolaritajiet li jwassal għal kontrolli addizzjonali mill-awtoritajiet tal-programm fuq in-nefqa diġà ddikjarata lill-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali jridu jikkonformaw mal-iskadenzi li ġejjin:

— għan-nefqa mnaqqsa mill-kontijiet ta' kwalunkwe sena kontabilistika li tiġi qabel is-sena kontabilistika finali skont l-Artikolu 49(2) tar-Regolament FEAD, il-kontrolli addizzjonali jridu jiġu ffinalizzati fil-ħin biex ikun possibbli li n-nefqa tiġi ddikjarata mhux aktar tard fl-applikazzjoni finali għal pagament *interim*, li għalihom l-iskadenza għall-preżentazzjoni hija l-31 ta' Lulju 2025;

— f'każ ta' riskju ta' irregolaritajiet li jwasslu għal kontrolli addizzjonali tan-nefqa ddikjarata fis-sena kontabilistika finali, id-deċiżjoni dwar il-legalità u r-regolarità tan-nefqa u għalhekk id-deċiżjoni dwar jekk din in-nefqa għandhiex tinżamm jew titnaqqas mill-kontijiet tas-sena kontabilistika finali jenħtieġ li tittieħed fil-mument tal-preżentazzjoni tal-kontijiet, li għalih l-iskadenza hija mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2026, jew l-1 ta' Marzu 2026 jekk jiġi estiż mill-Kummissjoni.

7. **PREŻENTAZZJONI TAD-DOKUMENTI TAL-GĦELUQ**

7.1. **Skadenza għall-preżentazzjoni tad-dokumenti tal-għeluq**

L-Istati Membri jridu jippreżentaw id-dokumenti ta' għeluq sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2026 ([21]). Il-Kummissjoni tista' testendi din l-iskadenza sal-1 ta' Marzu 2026, wara talba mill-Istat Membru kkonċernat, magħmula skont l-Artikolu 63(7) tar-Regolament Finanzjarju ([22]).

Il-Kummissjoni se tiddiżimpenja awtomatikament il-parti tal-impenji li tkun għadha miftuħa jekk kwalunkwe wieħed mid-dokumenti tal-għeluq ma jkunx ġie ppreżentat sa mhux aktar tard mill-15 ta' Frar 2026 (jew mill-1 ta' Marzu 2026, jekk tiġi estiża l-iskadenza) ([23]). F'każijiet bħal dawn, l-għeluq tal-programm se jitwettaq abbażi tal-informazzjoni disponibbli.

In-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' kwalunkwe wieħed mid-dokumenti ta' għeluq jista' jkun indikazzjoni ta' nuqqas serju fis-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll tal-programm, li jpoġġi f'riskju l-kontribuzzjoni tal-UE diġà mħallsa lill-programm. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li timponi korrezzjoni finanzjarja.

7.2. **Modifika tad-dokumenti tal-għeluq wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tagħhom**

L-Istati Membri ma jistgħu jimmodifikaw l-ebda wieħed mid-dokumenti tal-għeluq wara l-iskadenza għall-preżentazzjoni tagħhom, ħlief meta l-Kummissjoni titlob modifika jew fil-każ ta' żbalji klerikali.

([20]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/1986 tat-30 ta' Ġunju 2016 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet u l-proċeduri biex jiġi ddeterminat jekk l-ammonti li ma jistgħux jiġu rkuprati għandhomx jiġu rrimborżati mill-Istati Membri kkonċernati fir-rigward tal-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 306, 15.11.2016, p. 1).

([21]) Skont l-Artikolu 52(1) flimkien mal-Artikolu 48 tar-Regolament FEAD kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/795 u l-Artikolu 63(5) tar-Regolament Finanzjarju.

([22]) Ir- Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).

([23]) L-Artikolu 59(2) tar-Regolament FEAD.

7.3. **Disponibbiltà tad-dokumenti**

F'konformità mal-Artikolu 51(1) tar-Regolament FEAD, il-perjodu ta' żamma għad-dokumenti jista' jiġi interrott jew fil-każ ta' proċedimenti legali jew b'talba debitament ġustifikata tal-Kummissjoni.

8. **KONTENUT TAD-DOKUMENTI TAL-GĦELUQ**

8.1. **Rapport ta' implimentazzjoni finali**

F'konformità mal-Artikolu 13(6) tar-Regolament FEAD, ir-rapport ta' implimentazzjoni finali jrid ikun fih l-informazzjoni kollha meħtieġa skont l-Artikolu 2 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 ([24]).

L-informazzjoni inkluża fir-rapport dwar l-implimentazzjoni finanzjarja jenħtieġ li tkun konsistenti mar-rapport ta' kontroll finali, mad-dikjarazzjoni tal-għeluq u mad-dikjarazzjoni finali tan-nefqa.

F'konformità mal-Artikolu 13(5) tar-Regolament FEAD, il-Kummissjoni se teżamina r-rapport ta' implimentazzjoni finali u se tinforma lill-Istat Membru bl-osservazzjonijiet tagħha fi żmien ħames xhur mid-data tal-wasla tagħha. Jekk il-Kummissjoni ma tipprovdix osservazzjonijiet fi żmien din l-iskadenza, ir-rapport jitqies bħala li ġie aċċettat.

L-Istati Membri se jingħataw xahrejn biex jirrispondu għall-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar ir-rapport ta' implimentazzjoni finali. Il-Kummissjoni tista' testendi din l-iskadenza b'xahrejn oħra, fuq talba tal-Istat Membru. Ir-rapport ta' implimentazzjoni finali jiġi aċċettat jekk il-Kummissjoni ma jkollha l-ebda osservazzjoni jew jekk l-osservazzjonijiet kollha tal-Kummissjoni jiġu indirizzati b'mod adegwat.

8.2. **Kontijiet**

Bħal kwalunkwe sena oħra, il-kontijiet għas-sena kontabilistika finali jridu jinkludu l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 49(1) tar-Regolament FEAD. L-istruttura tal-kontijiet hija stabbilita fl-Anness V tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/341 ([25]).

L-eżami u l-aċċettazzjoni tal-kontijiet tas-sena kontabilistika finali jsegwu l-istess regoli bħal dawk għall-eżami u għall-aċċettazzjoni tal-kontijiet ta' kwalunkwe sena kontabilistika oħra.

Il-Kummissjoni se ssegwi l-proċeduri rilevanti biex teżamina u taċċetta l-kontijiet tas-sena kontabilistika finali u se tinforma lill-Istat Membru sa mhux aktar tard mill-31 ta' Mejju 2026 jekk taċċettax li l-kontijiet huma kompluti, akkurati u veritiera ([26]).

8.3. **Dikjarazzjoni ta' ġestjoni u sommarju annwali**

Għas-snin kontabilistiċi kollha, l-istruttura tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għas-sena kontabilistika finali hija stabbilita fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1386 ([27]).

8.4. **Opinjoni tal-awditjar u rapport ta' kontroll**

Għas-snin kontabilistiċi kollha, l-istruttura tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għas-sena kontabilistika finali hija stabbilita fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1386.

Għas-snin kontabilistiċi kollha, l-istruttura tad-dikjarazzjoni ta' ġestjoni għas-sena kontabilistika finali hija stabbilita fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1386.

([24]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1255/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn billi jistabbilixxi l-kontenut tar-rapporti annwali u finali ta' implimentazzjoni, inkluża l-lista ta' indikaturi komuni (ĠU L 337, 25.11.2014, p. 34).

([25]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/341 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għall-preżentazzjoni ta' ċerta informazzjoni lill-Kummissjoni (ĠU L 60, 4.3.2015, p. 1).

([26]) L-Artikolu 50 tar-Regolament FEAD.

([27]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1386 tat-12 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati li jimplimentaw ir-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-mudelli għad-dikjarazzjoni tar-responsabbiltajiet ta' ġestjoni, l-istrateġija tal-awditjar, l-opinjoni tal-awditjar u r-rapport annwali ta' kontroll (ĠU L 214, 13.8.2015, p. 9).

Ir-rapport ta' kontroll għas-sena kontabilistika finali jenħtieġ li jinkludi wkoll:

— informazzjoni dwar sejbiet miftuħa li jirriżultaw mill-awditi mwettqa mill-Kummissjoni jew mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, li jenħtieġ li tiġi pprovduta fit-Taqsima 8 tar-rapport ta' kontroll ("Informazzjoni oħra");

— assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tad-data relatata mal-indikaturi.

Fir-rapport ta' kontroll tas-sena kontabilistika finali, l-awtoritajiet nazzjonali tal-awditjar jenħtieġ li jikkonkludu li d-data relatata mal-indikaturi hija affidabbli. Jenħtieġ li jipprovdu wkoll valutazzjoni finali dwar ir-rekwiżit ewlieni 6: "Sistema affidabbli għall-ġbir, ir-reġistrazzjoni u l-ħżin tad-dejta għall-finijiet ta' monitoraġġ, evalwazzjoni, ġestjoni finanzjarja, verifika u awditjar", stabbilita fit-Tabella 1 tal-Anness II tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 532/2014 ([28]). Din il-valutazzjoni finali jenħtieġ li tinkludi b'mod partikolari konferma li d-data aggregata rrapportata lill-Kummissjoni hija korretta.

9. **ĦLAS TAL-BILANĊ FINALI**

Il-Kummissjoni se tħallas il-bilanċ finali mhux aktar tard minn tliet xhur wara d-data li fiha jiġu aċċettati l-kontijiet tas-sena kontabilistika finali, jew xahar wara d-data tal-aċċettazzjoni tar-rapport ta' implimentazzjoni finali, skont liema data tiġi l-aktar tard ([29]).

Dan huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Kummissjoni li tinterrompi l-iskadenza għall-ħlas tal-bilanċ finali jew li tissospendi tali pagament.

10. **KWISTJONIJIET TA' LEGALITÀ U REGOLARITÀ**

Il-Kummissjoni tista' tqajjem kwistjonijiet relatati mal-legalità u mar-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti li jikkonċernaw in-nefqa fil-kontijiet aċċettati wara l-ħlas tal-bilanċ finali u l-għeluq tal-programm.

L-għeluq tal-programm huwa mingħajr preġudizzju għas-setgħa tal-Kummissjoni li timponi korrezzjonijiet finanzjarji skont l-Artikoli 55 u 56 tar-Regolament FEAD.

([28]) Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 532/2014 tat-13 ta' Marzu 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 223/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Fond għal Għajnuna Ewropea għall-Persuni l-Aktar fil-Bżonn (ĠU L 148, 20.5.2014, p. 54).

([29]) L-Artikolu 52(2) tar-Regolament FEAD.